Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Jannar 2020
(OR. en)

14883/1/19
REV 1
PV CONS 67
TRANS 574
TELECOM 379
ENER 536

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Trasport**, **Telekomunikazzjoni** u **Enerġija**)

2, 3 u 4 ta' Diċembru 2019

## WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ..... 4

TRASPORT

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**

2. Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji ..... 4

3. Pakkett dwar il-Mobbiltà III ..... 4
Regolament dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri għat-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

4. Servizzi tat-trasport diġitali għan-nies: Il-passi li jmiss għal soluzzjonijiet Ewropej sostenibbli ... 5

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**

5. Pakkett dwar il-Mobbiltà I ..... 5
Direttiva li temenda d-Direttiva 1999/62 dwar l-Eurovignette (Direttiva dwar il-ħlas għall-użu tat-toroq)

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

6. Il-futur tal-Ajru Uniku Ewropew ..... 5

**Affarijiet oħra**

7. a) Proposti leġislattivi attwali ..... 6
b) It-tielet Konferenza Ministerjali Globali dwar is-Sikurezza fit-Toroq (Stokkolma, 19-20 ta' Frar 2020) ..... 6
c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ..... 6
d) Bastimenti eżistenti żgħar għan-navigazzjoni interna b'rabta mad-dispożizzjonijiet tranżitorji
tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ..... 6

TELEKOMUNIKAZZJONI

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**

8. Regolament dwar il-privatezza elettronika ..... 6

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

9. L-Unjoni Ewropea bħala ċentru għall-użu tad-data etika ... 7

10. Konklużjonijiet dwar is-sinifikat tal-5G għall-ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G ... 7

**Affarijiet oħra**

11. a) Proposti leġislattivi attwali ... 7
b) Konferenza dwar l-Ekonomija tad-Data (Helsinki, 25-26 ta' Novembru 2019) ... 8
c) Konferenza dwar il-Gvern Diġitali (Helsinki, 22 ta' Ottubru 2019) ... 8
d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ... 8

12. Approvazzjoni ta' punti "A" ... 8
Lista mhux leġislattiva

ENERĠIJA

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

13. Integrazzjoni tas-settur intelliġenti: il-promozzjoni ta' enerġija nadifa ... 8

14. Segwitu għall-Komunikazzjoni dwar l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima,
"Ningħaqdu flimkien biex inwettqu l-Unjoni tal-Enerġija u l-azzjoni klimatika" ... 9

15. Il-prijoritajiet tal-politika dwar l-enerġija tal-Kummissjoni l-ġdida ... 9

**Affarijiet oħra**

16. a) Taħdidiet trilaterali dwar il-gass u l-perspettiva tax-xitwa għas-sigurtà tal-provvista tal-gass ... 9
b) Proposta leġislattiva attwali ... 9
c) Żviluppi reċenti fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni rigward l-enerġija ... 10
d) Informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Pjan SET ... 10
e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ... 10
f) Il-passi li jmiss dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza nukleari deskritti
fir-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-UE dwar it-"test tal-istress" tal-NPP tal-Belarussja ... 10
g) Attivitajiet illegali Torok reċenti fil-Baħar Mediterran ... 10

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ... 11

***

**LAQGĦA TAT-TNEJN 2 TA' DIĊEMBRU 2019**

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dok. 14395/19.

Taħt "Affarijiet oħra", il-punt 7.d) ġie miżjud b'talba tad-delegazzjoni Netherlandiża, il-punt 16.f) b'talba tad-delegazzjoni Litwana, u l-punt 16.g) b'talba tad-delegazzjoni Griega.

TRASPORT

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Art

2. **Regolament dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji** ❶C 14047/19 + COR 1 12442/17 + ADD 1
*Approċċ ġenerali* [(1)]

Il-Kunsill qabel dwar l-approċċ ġenerali dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji, kif jinsab fl-Anness għal 14047/19 + COR 1.

Orizzontali

3. **Pakkett dwar il-Mobbiltà III** ❶C 14401/19 + ADD 1 REV 1 9075/18
**Regolament dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri għat-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)**
*Approċċ ġenerali* [(1)]

Il-Kunsill qabel dwar l-approċċ ġenerali rigward il-proposta dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif jinsab fid-dok. 14401/19 + ADD 1 REV 1. Il-Ġermanja ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

Orizzontali

4. **Servizzi tat-trasport diġitali għan-nies: Il-passi li jmiss għal soluzzjonijiet Ewropej sostenibbli** [2] 14063/19
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-servizzi tat-trasport diġitali għan-nies: il-passi li jmiss għal soluzzjonijiet Ewropej sostenibbli.

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Art

5. **Pakkett dwar il-Mobbiltà I** [1][C] 14383/19
**Direttiva li temenda d-Direttiva 1999/62 dwar l-Eurovignette** 9672/17 + ADD 1
**(Direttiva dwar il-ħlas għall-użu tat-toroq)**
*Approċċ ġenerali* (1)

Il-Kunsill ma setax jaqbel dwar l-approċċ ġenerali rigward id-Direttiva li temenda d-Direttiva 1999/62 dwar l-Eurovignette.

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

Avjazzjoni

6. **Il-futur tal-Ajru Uniku Ewropew** [2] 13782/19
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-futur tal-Ajru Uniku Ewropew. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar fejn jista' jkun hemm il-ħtieġa għal aġġornamenti għall-abbozz tat-test leġislattiv SES2 + sabiex il-korpi preparatorji tal-Kunsill ikunu jistgħu jagħmlu aġġustamenti, fejn xieraq, u biex jagħmlu progress fuq il-fajl. Il-Kunsill talab ukoll lill-Kummissjoni biex tipprovdi kemm jista' jkun possibbli informazzjoni dettaljata dwar l-isfond u materjal li jiġġustifika l-proposti tagħha u biex tanalizza l-benefiċċji u l-konsegwenzi potenzjali tal-proposti.

**Affarijiet oħra**

**7. a) Proposti leġislattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Direttiva dwar il-waqfien tal-bidliet staġonali fil-ħin** ❶C 12118/18
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar id-Direttiva dwar il-waqfien tal-bidliet staġonali fil-ħin.

**b) It-tielet Konferenza Ministerjali Globali dwar is-Sikurezza fit-Toroq (Stokkolma, 19-20 ta' Frar 2020)** 2 14039/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Żvediża.

c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 14472/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata*

d) Bastimenti eżistenti żgħar għan-navigazzjoni interna b'rabta mad-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni 14686/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża*

**LAQGĦA TAT-TLIETA 3 TA' DIĊEMBRU 2019**

TELEKOMUNIKAZZJONI

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**8. Regolament dwar il-privatezza elettronika** ❶C 14447/19
*Rapport ta' progress* 5358/17

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza.

## Attivitajiet mhux leġislattivi

**9. L-Unjoni Ewropea bħala ċentru għall-użu tad-data etika** 2 14070/19

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill iddiskuta t-triq 'il quddiem għall-ekonomija tad-data Ewropea bbażata fuq il-proposta li l-Unjoni Ewropea tiġi ppożizzjonata bħala ċentru għall-użu ta' data etika. Xi wħud mill-kwistjonijiet diskussi kienu dwar kif għandha titħeġġeġ il-kondiviżjoni tad-data bejn in-negozji u dwar kif għandhom jiġu żgurati ċ-ċentriċità fir-rigward tal-bniedem, il-privatezza u s-sigurtà sabiex tinbena l-fiduċja fl-ekonomija tad-data. L-iskambju pprovda gwida siewja għal aktar ħidma tal-UE f'dan il-qasam.

**10. Konklużjonijiet dwar is-sinifikat tal-5G għall-ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G** 2 14368/19

*Adozzjoni*

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu kif jinsabu fid-dok. 14368/19.

Il-Kunsill ippreveda li jkollu approċċ komprensiv u bbażat fuq ir-riskju għas-sigurtà tan-netwerks 5G filwaqt li enfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fatturi mhux tekniċi meta jiġi stabbilit il-profil tar-riskju ta' fornitur. Il-komponenti tan-netwerk li huma kruċjali għas-sigurtà nazzjonali għandhom jinkisbu biss minn partijiet affidabbli.

## Affarijiet oħra

**11. a) Proposta leġislattiva attwali**

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni 1 C 12104/18

*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

b) **Konferenza dwar l-Ekonomija tad-Data (Helsinki, 25-26 ta' Novembru 2019)** 14353/19
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

c) **Konferenza dwar il-Gvern Diġitali (Helsinki, 22 ta' Ottubru 2019)** 14377/19
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 14281/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata*

**LAQGĦA TAL-ERBGĦA 4 TA' DIĊEMBRU 2019**

**12. Approvazzjoni ta' punti "A"**

**Lista mhux leġislattiva** 14421/19

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14421/19 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni.

ENERĠIJA

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

**13. Integrazzjoni tas-settur intelliġenti: il-promozzjoni ta' enerġija nadifa** 13854/19
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu **dibattitu ta' orjentazzjoni** dwar l-integrazzjoni tas-settur abbażi ta' dokument u mistoqsijiet tal-Presidenza. Il-Ministri użaw l-opportunità biex jenfasizzaw il-prijoritajiet rispettivi tagħhom u appellaw lill-Kummissjoni biex l-ewwel tivvaluta l-implimentazzjoni tal-qafas attwali.

**14.** **Segwitu għall-Komunikazzjoni dwar l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, "Ningħaqdu flimkien biex inwettqu l-Unjoni tal-Enerġija u l-azzjoni klimatika"** 2 14062/19 10251/19
***Skambju ta' fehmiet***

Il-ministri kellhom **skambju ta' fehmiet** ibbażat fuq dokument tal-Presidenza b'enfasi fuq id-"diskrepanzi fl-ambizzjoni" tal-kontribuzzjonijiet ippjanati tal-Istati Membri fl-NECPs tagħhom biex jintlaħqu l-miri tal-UE tal-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-2030. Diskrepanzi fl-ambizzjoni huma possibbli, speċjalment fil-każ tal-mira tal-effiċjenza fl-enerġija.

**15.** **Il-prijoritajiet tal-politika dwar l-enerġija tal-Kummissjoni l-ġdida** 2 14060/19
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kummissarju Simson ippreżenta il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni l-ġdida fil-qasam tal-enerġija: in-nies, il-pjaneta, is-sħab. Il-ministri laqgħu dawn il-prijoritajiet u offrew il-fehmiet tagħhom dwar l-importanza ta' diversi politiki u azzjonijiet dwar l-enerġija. L-iskambju pprovda gwida siewja għal aktar ħidma mill-Kummissjoni dwar l-elaborazzjoni ta' inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi.

**Affarijiet oħra**

**16.** a) Taħdidiet trilaterali dwar il-gass u l-perspettiva tax-xitwa għas-sigurtà tal-provvista tal-gass 14227/19
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

**b)** **Proposta leġislattiva attwali**:
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament dwar it-tikkettar tat-tajers 1 C 14495/19
*Informazzjoni mill-Presidenza* 9185/18 + ADD 1

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar l-istat attwali u l-passi li jmiss. B'mod partikolari, fakkret li: 1) ftehim politiku proviżorju dwar dan il-fajl intlaħaq mal-PE fi trilogu finali li sar fit-13 ta' Novembru; 2) Il-kumitat ITRE approva nhar l-4 ta' Diċembru filgħodu, il-ftehim politiku msemmi hawn fuq u 3) il-proċess ta' adozzjoni ser jitlesta fi żmien ftit xhur. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

c) **Żviluppi reċenti fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni rigward l-enerġija** 14235/19
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kummissjoni ser tippromwovi b'mod attiv it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa f'fora internazzjonali bħall-IEA u l-Laqgħa Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa kif ukoll permezz ta' Memoranda ta' Qbil (MtQ) bilaterali ma' pajjiżi terzi. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

d) **Informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Pjan SET (Helsinki, 13-15 ta' Novembru 2019)** 14228/19
*Informazzjoni mill-Presidenza*

It-13-il Konferenza tal-Pjan SET annwali organizzata mill-Kummissjoni u l-Presidenza Finlandiża saret f'Helsinki bejn it-13 u l-15.11.19. Il-Konferenza ffokat fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-enerġija biex tissaħħaħ it-tmexxija industrijali Ewropea. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 14236/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata*

f) Il-passi li jmiss dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza nukleari deskritti fir-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-UE dwar it-"test tal-istress" tal-NPP tal-Belarussja 14761/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana*

g) Attivitajiet illegali Torok reċenti fil-Baħar Mediterran
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Griega*

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14395/19**

| | |
|---|---|
| **Rigward il-Punt "B" Nru 3:** | **Pakkett dwar il-Mobbiltà III**<br>**Regolament dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri għat-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)**<br>*Approċċ ġenerali* |

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA**

"Il-Ġermanja tassumi li d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċellerazzjoni tal-proċedura li jinsabu fil-proposta attwali għandhom biss fil-mira tagħhom l-iżvolġiment u l-organizzazzjoni formali tal-proċedura u huma mingħajr preġudizzju għall-kriterji sostantivi tal-evalwazzjoni li jirriżultaw mir-rekwiżiti tal-liġi sostantiva.

Il-Ġermanja tassumi, b'mod partikolari, li l-fatt li ż-żmien biex tiġi kkompletata l-proċedura tal-għoti tal-permessi ġie, bħala kwistjoni ta' prinċipju, limitat għal erba' snin, kif previst fl-Artikolu 6(1) tal-abbozz tal-approċċ ġenerali, la jista' jitqies li jirrikjedi u lanqas jista' jintuża biex jiġġustifika xi limitazzjoni sostantiva tal-ambitu tal-evalwazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent jew tnaqqis tal-kriterji tal-evalwazzjoni li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent fil-qafas tal-proċedura, la fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali u lanqas fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva."